



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, **XXX**
[...](2014) **XXX** draft

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li testendi l-validità tad-Deċiżjoni 2012/96/UE

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/470/UE tas-7 ta' Awwissu 2012 estendiet il-validità tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/96/UE sal-20 ta' Awwissu 2013 u ssuspendiet l-applikazzjoni tal-miżuri xierqa stabbiliti fid-Deċiżjoni 2002/148/KE, li tillimita l-kooperazzjoni maż-Żimbabwe. Fid-9 ta' Awwissu 2013, bid-Deċiżjoni 2013/428/UE, il-Kunsill ddeċieda li jestendi aktar il-validità tad-Deċiżjoni 2012/96/EU tal-20 ta' Frar 2014, filwaqt li jżomm is-sospensjoni tal-miżuri xierqa.

Minħabba x-xewqa tal-UE li tkompli tinċentiva implimentazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet ewlenin fil-kostituzzjoni l-għdida u r-rakkomandazzjonijiet li jifdal mill-osservaturi internazzjonali u lokali dwar ir-riformi elettorali wara l-aħħar elezzjonijiet, qed jiġi propost li l-Kunsill jestendi l-validità tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/96/UE sal-1 ta' Novembru 2014, billi jadotta dan li huwa mehmuż.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li testendi l-validità tad-Deċiżjoni 2012/96/UE

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 217 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmit f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000¹ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE"), kif rivedut f'Ouagadougou, il-Burkina Faso, fit-22 ta' Ġunju 2010², u partikolarment l-Artikolu 96 tiegħu,

Waqt li kkunsidra l-ftehim intern dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu u l-proċeduri li għandhom ikunu segwiti għall-applikazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija tal-AKP-KE³, u b'mod speċjali l-Artikolu 3 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni 2002/148/KE ngħalqu l-konsultazzjonijiet mar-Repubblika taż-Żimbabwe skont l-Artikolu 96(2)(c) tal-Ftehim ta' Sħubija tal-AKP-KE u ttieħdu miżuri xierqa. Minn dak iż-żmien dawn il-miżuri ġew emendati u l-perjodu tal-applikazzjoni tagħhom qed jiġi anlizat mill-ġdid kull sena.
- (2) Bħala sinjal tal-impenn kontinwu tal-Unjoni favur il-proċess politiku bħala parti mill-Ftehim Politiku Globali, fis-7 ta' Awwissu 2012 il-Kunsill iddeċieda li jestendi l-validità tad-Deċiżjoni 2012/96/UE, kif ukoll li jissospendi l-applikazzjoni tal-"miżuri xierqa" li jillimitaw il-kooperazzjoni maż-Żimbabwe skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Sħubija tal-AKP-KE għal perjodu ta' 12-il xahar. Fid-9 ta' Awwissu 2013, bid-Deċiżjoni 2013/428/UE, il-Kunsill ddeċieda li jestendi aktar il-validità tad-Deċiżjoni 2012/96/EU tal-20 ta' Frar 2014, filwaqt li jżomm is-sospensjoni tal-miżuri xierqa.
- (3) Skont il-ftehim tal-Kunsill li jkompli jinċentiva implimentazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet ewlenin fil-kostituzzjoni l-għdida u r-rakkomandazzjonijiet li jifdal mill-osservaturi internazzjonali u lokali dwar ir-riformi elettorali wara l-aħħar elezzjoni, il-validità tad-Deċiżjoni 2012/96/UE għandha tiġi estiża aktar, filwaqt li tinżamm is-sospensjoni tal-miżuri xierqa.
- (4) L-Unjoni Ewropea tista' tanalizza din id-deċiżjoni f'kull ħin,

¹ ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.

² ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3.

³ ĠU L 317, 15.12.2000, p. 376, emendat mill-ĠU L 247, 9.9.2006, p. 48

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-validità tad-Deċiżjoni 2012/96/UE u tal-miżuri xierqa tagħha huma b'dan estiżi. Hija tiskadi fl-1 ta' Novembru 2014. L-applikazzjoni tal-miżuri xierqa tibqa' sospiża.

Il-miżuri xierqa jinżammu taħt reviżjoni kostanti u jiġu applikati mill-ġdid jekk is-sitwazzjoni fiż-Żimbabwe tiddeterjora b'mod serju.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha. Hija tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*